**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 20 TA' GUNJU, 2002

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 1071/02AE**

**Frank Borda Limited**

**Vs**

**Carmen Ayers**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u erbghin lira Maltija u sebgha u disghajn centezmu (Lm440.97), prezz ta' airconditioner mibjugh u konsenjat lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici, tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' erbgha mija u erbghin lira Maltija u sebgha u disghajn centezmu (Lm440.97), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**